Ref Nru 10

Il-minuti tal-ghaxar laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2016, fis-6:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tmien laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tmien laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Approvazzjoni tar-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2015.**

3.1 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2015 li gew ippreparati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

**4 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2016.**

4.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2016 li s-Segretarja Ezekuttiva ppreparat. Hija tat spejazzjoni tieghu. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2016.

## 5 Approvazzjoni tal-Business Plan 2016-2018.

5.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2016-2018. Is-Segretarja tat spejgazzjoni ta' din il-lista. Gie deciz illi l-progett ta' *facility centre* f'Hondoq ir-Rummien ghandu jitnehha. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

## 6 Progetti tal-Unjoni Ewropea.

6.1 Is-Sindku semma li l-bankijiet li gew installati fil-Belvedere ser jigu mhallas mill-fondi tal-EAFRD mizura 413.4. Gew ippreparati erba` ittri dwar dikjarazzjoni dwar *tenders procured and completed* dwar il-mizuri 125, 313, 323 u 413.4. Dawn gew ippreparti peress li gew mitluba mill-*Paying Agency.* Il-Kunsill qabel maghhom.

## 7 Manutenzjoni f'Hondoq ir-Rummien.

7.1 Is-Sindku semma li ser isir xi xoghol ta' manutenzjoni fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien

## 8 Progetti zghar ta' *embellishment* tar-*roundabouts.*

8.1 Is-Sindku ssuggerixxa li ghandhom isiru progetti zghar ta' *embellishment* tar-*roundabouts* ezistenti li hawn fil-lokalita` fejn tigi mibdula l-wicc peress li dawn kull darba qed jigu mkissra mit-trukkijiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 9 Korrispondenza.

9.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

9.2 Ittra mibghuta minn Mary Mifsud Micallef mill-*Gozo Horse Racing Association*, dwar tigrijiet taz-zwiemel fil-korsa tax-Xhajma – *Heats* u Finali tat-Tazza tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jaghti €350.00.

9.3 Kopja ta' ittra li giet mibghuta mill-Avukat Mario Scerri ghan-nom Rita Vella ta' 'Dar Ommi', Triq l-Indipendenza, Qala li giet mibghuta lil Mario Gatt ghan-nom ta' Gatt Enterprises Ltd u Gatt Tarmac Ltd., minhabba hsara li giet ikkawzata mill-haddiema tieghu fuq il-faccata u l-bankina tad-dar taghha waqt xogholijiet ta' thaffir ta' trinka. Il-Kunsill ircieva wkoll kopja tar-risposta ghal din l-ittra li giet mibghuta mill-Avukat Noel Camilleri f'isem Mario Gatt. Giet mibghuta ittra mill-Avukat tal-Kunsill Renata Formosa bhala risposta ghall-ittra ta' Rita Vella.

9.4 Il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Avukat Carmelo Galea ghan-nom ta' Road Construction Co. Ltd. fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar il-kundizzjoni li huma ghandhom fil-permess dwar €4,660 fis-sena li jrid jaghti lill-Kunsill ghal mantenzjoni tat-toroq. Is-Sindku semma li hemm zewg ghazliet jew il-Kunsill johrog sejha ghall-offerti ghal dan ix-xoghol ta' manutenzjoni u imbaghad issir *claim* ghal flus li hemm il-MEPA wara li x-xoghol ikun gie

iccertifikat mill-Perit jew ix-xoghol tal-manutenzjoni jsir mill-kuntratturi u jithallsu mill-flus li hemm il-MEPA. Il-Kunsill qabel ma dik ta' l-ahhar. Il-Kunsill iddecida li ghandu jiccekkja mal-MEPA dwar jekk huwiex ser jinghata l-fondi minn meta kienet saret din il-kundizzjoni fi 1998 jew inkella hux minn meta nstema` l-appell. Gie deciz li ghandu jigi ccekkjat dan mal-MEPA.

Giet trattata din il-materja:

Is-Sindku semma li Karmena Vella residenti l-Qala ser taghlaq 100 sena nhar is-27 t'April 2016. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi ordnat *cake*, bukket ward u jigu avzati tal-*media* dwar dan.

Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A), tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B) u Servizz Professjonali ta' Avukat.

Giet trattata *form of discharge* minghand il-MAPFRE MIDDLESEA PLC tal-Vici Sindku Paul Buttigieg fejn ser jinghata s-somma ta' €2,310 dwar *claim* li huwa ghamel meta weggha idu. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenzi SP 1/2016. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-23 ta' Jannar 2016 sas-26 ta' Frar 2016 minn referenza numru 7/16 sa referenza numru 28/16 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 16/16 sa referenza numru 25/16 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 30 ta' Marzu 2016.

______________________

Clint Camilleri
Sindku

______________________

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva